MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 682/2012

**Joseph Camilleri K.I. 994448(M)**

**vs.**

**Felexia Tabone**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2012, illi permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elfejn u dsatax-il Ewro (€2019.00) premess illi:

> Il-konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' elfejn u dsatax-il Euro (€2019.00) u dana in kwantu għas-somma ta' €519.00 bħala imgħax

dovut fis-16 ta’ Diċembru 2011 u in kwantu għas-somma ta’ €1500.00 bħala arretrati fil-pagamenti mensili dovuti minnha u dana kif jirriżulta minn żewġ skritturi privati datati 16 ta’ Diċembru 2009 u 14 ta’ Diċembru 2010.

Il-konvenuta interpellata diversi drabi biex tħallas dan l-ammont baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 20 ta’ April 2012 kontra l-konvenuta u bl-imgħax legali kontra l-istess konvenuta li hija minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tal-konvenuta** ppreżentata fl-10 ta’ Jannar 2013, li biha rrispinġiet l-pretensjoni tal-attur bħala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra n-nota tal-attur ippreżentata fis-17 ta’ Marzu 2014, illi permezz tagħha l-attur ċeda l-atti tal-kawża billi fil-mori tħallsu l-ammonti dovuti u żamm ferm il-kap tal-ispejjeż.

Sema’ l-provi  tal-partijiet u d-dokumenti kollha esebiti in sostenn tal-kap tal-ispejjeż.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Ġunju 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra li l-kwistjoni bejn il-partijiet tmur lura għal Frar 2012 u jidher li fil-frattemp għaddiet korrispondenza numeruża bejn id-difensuri tal-partijiet sabiex il-partijiet setgħu effettivament jaslu għal ftehim.

Ra illi sa Ottubru 2012, il-partijiet kienu għadhom ma ftehmux u għalhekk l-attur kellu jintavola l-kawża odjerna.

Ra illi kien wara diversi differimenti li l-konvenuta għaddiet għall-ħlas lill-attur tal-ammont minnu pretiż, jew parti minnu.

Ra illi minkejja li l-konvenuta stqarret illi kien hemm parti mill-ammont pretiż li kien minnha dovut u li ma kienx kontestat min-naħa tagħha, u li hija kienet disposta li tħallsu, hija effettivament m'għaddietx dan l-ammont lill-attur, la direttament u lanqas billi ddepożitatu debitament il-Qorti.

Ikkonsidra wkoll illi l-konvenuta kienet tkun preżenti fil-maġġor parti tal-udjenzi li saru quddiem it-Tribunal, aġir li fil-fehma tat-Tribunal jindika illi l-konvenuta kellha interess li tagħlaq il-pendenza mal-attur u li d-dewmien biex intlaħaq il-ftehim ma kienx attribwibbli lilha.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruħu fuq il-mertu tal-kawża, stante li dan ġie ċedut mill-attur, jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi wara li kkonsidra dak kollu suespost, jordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------